

mill-awtorità ta' ċertifikazzjoni". Ir-rikorrenti tikkritika lill-Kummissjoni Ewropea, l-ewwel nett, talli ma fformulatx il-kriterju ta' selezzjoni b'mod ċar u preċiż peress li, fl-ispeċifikazzjonijiet tal-offerta, ma kienx hemm speċifikat in-numru ta' ċertifikat ISO meħtieġ, it-tieni nett, talli talbet lill-offerenti għal ċertifikat ISO "validu għall-attività tagħhom kollha ta' manutenzjoni" u mhux biss għall-kuntratt ikkonċernat u, it-tielet nett, talli ma ppermettietx lill-offerenti li juru li huma għandhom livell ta' kwalità simili għal dak ta' ċertifikat ISO.

- (2) It-tieni motiv huwa bbażat fuq il-ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni li jirriżulta mill-Artikolu 296 TFUE, l-Artikolu 100(2) tar-Regolament Finanzjarju, il-ksur tal-ispeċifikazzjonijiet tal-offerta u tal-annessi tagħhom, u fuq żball manifest ta' evalwazzjoni sa fejn il-Kummissjoni kienet ċaħdet l-offerta tal-kumpanija A+P KIEFFER OMNITEC minħabba li r-rikorrenti ma kinitx tissodisfa il-kriterju Nru 16, peress li din ma pprovditx id-dokumenti ta' prova u rilevanti sabiex juru li l-kandidati kellhom il-kwalifiki meħtieġa. Minn naħa, ir-rikorrenti ssostni li l-kriterju Nru 16 kien jikkonċerna "d-dikjarazzjoni li tindika l-medja annwali ta' ħaddiema li għandhom il-profil meħtieġ matul l-aħħar tliet snin li kienu impjegati mal-membri kollha tal-grupp potenzjali" u li l-paġna 27/37 tal-Anness II tal-ispeċifikazzjonijiet tal-offerta tagħmel riferiment biss għall-għarfien lingwistiku tal-kandidati u, min-naħa l-oħra, li r-rikorrenti tabilħaqq tat il-prova li wieħed mill-kandidati kellu l-kwalifiki meħtieġa fil-paġna 28/38 tal-Anness II tal-ispeċifikazzjonijiet tal-offerta billi pproduċiet dokumenti ta' prova. Fir-rigward tal-kandidat l-ieħor, id-dokumenti tal-kuntratt ma kinux jehetgu li l-kwalifiki meħtieġa għal kap tas-sit jiġu sodisfatti.

(¹) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 7, p. 132.

Rikors ippreżentat fl-14 ta' Ġunju 2011 — ABN AMRO Group vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-319/11)

(2011/C 252/80)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: ABN AMRO Group NV (Amsterdam, il-Pajjiżi l-Baxxi) (rappreżentanti: W. Knibbeler u P. van den Berg, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob lill-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla l-Artikolu 5 tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' April 2011 dwar il-miżuri Nru C 11/2009 (ex NN 53b/2008, NN 2/2010 u N 19/2010) implementati mill-Pajjiżi l-Baxxi għal ABN AMRO Group NV; u

— tordna lill-Kummissjoni tbatl l-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinwoka żewġ motivi.

- (1) L-ewwel motiv, li jallega li l-konstatazzjonijiet tad-deċiżjoni kkontestata fir-rigward tal-iskop tal-projbizzjoni tal-akkwist li tinsab fl-Artikolu 5, huma vvizjati bl-iżbalji ta' liġi segwenti u għalhekk għandhom jiġu annullati:

— ksur tal-Artikolu 107(3)(b) TFUE u applikazzjoni żbaljata tal-prinċipji u tal-linji gwida stabbiliti fil-Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni (¹);

— ksur tal-prinċipju tal-proporzjonalità billi l-approvazzjoni tal-miżuri ta' għajna saret bil-kundizzjoni ta' projbizzjoni ta' akkwist li ma hijiex xierqa, neċessarja jew proporzjonata;

— ksur tal-prinċipju ta' trattament ugwali bl-impożizzjoni ta' projbizzjoni ta' akkwist li hija iktar stretta b'mod sinjifikanti meta pparagunata ma' projbizzjonijiet ta' akkwist imposti mill-Kummissjoni f'każijiet oħra;

— ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba b'riżultat tan-nuqqas ta' evalwazzjoni bir-reġa u individwali tal-aspetti kollha rilevanti tal-każ individwali, inklużi l-bżonn u l-konsegwenzi tal-projbizzjoni ta' akkwist kif imposta permezz tad-deċiżjoni, u ksur tal-Artikolu 296 TFUE li jirriżulta min-nuqqas ta' motivazzjoni adegwata għad-deċiżjoni msemmija.

- (2) It-tieni motiv, li jallega li l-konstatazzjonijiet tad-deċiżjoni kkontestata fir-rigward tat-tul tal-projbizzjoni tal-akkwist li tinsab fl-Artikolu 5, huma vvizjati bl-iżbalji ta' liġi u ta' evalwazzjoni segwenti u għalhekk għandhom jiġu annullati:

— ksur tal-Artikolu 345 TFUE billi għamlet it-tul tal-projbizzjoni ta' akkwist dipendenti fuq il-proprietà mill-Istat;

— ksur tal-Artikolu 107(3)(b) TFUE u applikazzjoni żbaljata tal-prinċipji u tal-linji gwida stabbiliti fil-Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni (²);

— ksur tal-prinċipju ta' trattament ugwali bl-impożizzjoni ta' projbizzjoni ta' akkwist li hija itwal b'mod sinjifikanti meta pparagunata ma' projbizzjonijiet ta' akkwist imposti mill-Kummissjoni f'każijiet oħra;

— Ksur tal-prinċipji ta' proporzjonalità u ta' amministrazzjoni tajba.

(¹) Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni ta' regoli dwar l-għajna mill-Istat għal miżuri meħuda fejn jidħlu istituzzjonijiet finanzjarji fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja preżenti (ĠU 2008 C 270, p. 8); Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar ir-rikapitalizzazzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji fil-kriżi finanzjarja preżenti: limitazzjoni tal-għajna għall-minimu meħtieġ u protezzjoni kontra distorsjonijiet ta' kompetizzjoni mhux mistħoqqa (ĠU 2009 C 10, p. 2); Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar it-Trattament ta' Assi indeboliti fis-Settur Bankarju tal-Komunità (ĠU 2009 C 72, p. 1); Komunikazzjoni tal-kummissjoni fuq ir-ritorn għall-vijabbiltà u l-valutazzjoni ta' miżuri ta' ristrutturar fis-settur finanzjarju fil-kriżi attwali taħt ir-regoli tal-għajna mill-Istat (ĠU 2009 C 195 p. 9).

(²) Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 1